MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Mandat Numru. 26/2015/1

Charmaine **MANĠION**

vs

Ustin **MANĠION**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Jannar, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżomm lill-intimat żewġha milli "jbigħ, ineħħi jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż kif ukoll b'titolu gratuwitu, xi ishma f'xi soċjeta' kummerċjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-

komunjoni tal-akkwisti, u b'mod partikolari" ishma li l-intimat żewġha għandu f'ismu (a) fil-kumpannija bl-isem ta' "*2M Holdings Limited (C – 53241)*" u (b) fil-kumpannija bl-isem ta' "*Uman Group Limited (C – 58449)*" u kif ukoll biex l-intimat ma jitħalliex jagħmel xi dejn jew jagħti garanzija li tkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejnu;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Jannar, 2015, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimat bi żmien għat-tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-11 ta' Frar, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-28 ta' Jannar, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat billi, b'mod preliminari qal li l-att imressaq ma jiswiex għaliex tressaq quddiem qorti li ma teżistix billi "ma teżisti l-ebda 'Qorti tal-Familja', iżda 'Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)" u wkoll minħabba li tressaq qabel waqtu għaliex l-artikolu 876(2) tal-Kap 12 jagħmilha ċara li talba għal ħruġ ta' Mandat bħal dan tista' ssir wara li r-rikors ikun preżentat quddiem il-Qorti Ċivili u sallum ir-rikorrenti għadha ma ressqet l-ebda kawża quddiem din il-Qorti. Fil-mertu laqa' billi qal li jekk kemm-il darba kellha tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti, hu u l-istess kumpanniji milquta sejrin ikunu qegħdin iġarrbu ħsara sakemm il-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-18 ta' Frar, 2015 u kif ukoll il-verbal magħmul mill-avukat tar-rikorrenti waqt l-istess smigħ b'rabta mal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2015, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li din hija talba mressqa taħt l-artikolu 876 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li biha r-rikorrenti qiegħda titlob li l-intimat jitwaqqaf milli b'xi mod jiddisponi minn jew jittrasferixxi ishma li huwa għandu f'ismu f'żewġ kumpanniji li twaqqfu matul iż-żwieġ tagħha miegħu. Hija qiegħda tagħmel ukoll talba biex l-intimat ma jitħalliex

jgħabbi l-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti li hemm bejniethom b'xi dejn ġdid jew bl-għoti ta' garanzija;

Tqis li r-rikorrenti u l-intimat huma miżżewġin u, minħabba li bħalissa ż-żwieġ għaddej minn problemi bejniethom, inbdew proċeduri quddiem din il-Qorti għall-firda personali. Bħalissa, l-proċeduri jinsabu fl-istadju tal-medjazzjoni. Iż-żwieġ tagħhom huwa regolat mir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti;

Tqis li r-rikorrenti trid li l-intimat żewġha ma jittrasferixxi bl-ebda mod ishma li huwa għandu fiż-żewġ kumpanniji imsemmija fir-rikors u liema kumpanniji twaqqfu matul iż-żwieġ tal-partijiet;

Tqis li l-Mandat li r-rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ tiegħu llum huwa dak "partikolari" maħsub taħt l-artikolu 876;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[1];

Tqis li minħabba l-partikolarita' tal-għamla ta' Mandat li r-rikorrenti trid il-ħruġ tiegħu, ma huwiex meħtieġ li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan tipprova dawk l-elementi li l-liġi tistenna li jkunu pruvati minn min jitlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali" taħt l-artikolu 873 tal-istess Kodiċi;

Tqis li talba bħal dik titressaq quddiem din il-Qorti li, flimkien mal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Diviżjoni tal-Familja), għandhom is-setgħa li jisimgħu kwestjonijiet bħal dawn[2]. F'talba bħal din, irid jintwera li tkun inbdiet proċedura dwar il-firda personali bejn miżżewġin u li, fil-każ tagħhom, tkun imħaddma s-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti dwar il-ġid tagħhom;

Tqis li l-intimat qajjem żewġ eċċezzjonijiet preliminari dwar il-proċeduri mnedija minn martu r-rikorrenti fil-każ tallum. Fihom huwa jgħid li l-proċedura ma tiswiex għaliex tressqet quddiem qorti li ma teżistix u wkoll għaliex f'kull każ u bla ħsara għal dak li jingħad qabel, tressqet qabel il-waqt;

Tqis li, b'mod ġenerali, eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari ma jintlaqgħux fi proċedura bħal din fejn it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba

[1] Art. 873(1) tal-Kap 12
[2] Reg. 4(1) tal-A.L. 397 tal-2003 (L.S. 12.20)

għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[3]. F'dan il-każ, l-ewwel eċċezzjoni tirreferi sewwasew għal nuqqas radikali li jolqot is-siwi tal-att li bih saret it-talba għall-ħruġ tal-Mandat[4];

Tqis li l-imsemmija eċċezzjoni tirrigwarda s-siwi formali tal-att ġudizzjarju mressaq. Biex att ġudizzjarju jkun bla siwi jew irritu, irid jintwera li tkun tgħodd xi waħda mill-erba' ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 789(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimat ma jsemmix liema waħda minn dawn l-erba' kawżali tgħodd biex issaħħaħ l-eċċezzjoni tiegħu, għalkemm jidher li ladarba dik l-eċċezzjoni tirrigwarda t-tismija korretta tal-Qorti li quddiemha tressaq ir-rikors, wieħed jifhem li l-intimat qiegħed jgħid li jonqos fit-talba ta' martu r-rikorrenti partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa fil-liġi[5];

Tqis li r-rikorrenti tisħaq li huwa "xorta ċar li l-Qorti li quddiemha tressaq dan il-Mandat hija l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)"[6];

Tqis li jidher sewwa mad-daqqa ta' għajn li meta l-att tressaq quddiem ir-Reġistratur meta r-rikorrenti fetħet din il-proċedura, dan kien tressaq fir-Reġistru ta' din il-Qorti bil-kliem "Qorti tal-Familja". Dik it-tismija saret bl-idejn u taqbel mal-kitba fil-bqija tar-rikors. B'xi mod, żdiedu l-kliem "Ċivili (Sezzjoni" fl-istess intestatura u kien b'dan il-mod li l-kopja tal-att kienet ukoll notifikata lill-intimat;

Tqis li għalkemm mhuwiex l-ewwel darba li att ġudizzjarju mressaq quddiem qorti jsirulu żidiet jew tibdiliet, hemm modi kif dan għandu jsir u l-liġi trid li kull bidla fl-att trid ikollha l-awtorizżazzjoni tar-reġistratur[7]. Fil-każ tal-lum dan ma sarx u mhux magħruf jekk, qabel ir-rikorrenti għaddiet biex ħalfet ir-rikors, dan intalabx jew jekk wieħed kienx intebaħ b'xi nuqqas u saret iż-żieda fl-att wara li kien ittieħed il-ġurament;

Tqis li nuqqasijiet bħal dawn joħolqu kwestjonijiet li jdewmu l-mixi 'l quddiem tal-proċedimenti u jġegħelu lill-Qorti toqgħod tinħela fl-għoti ta' provvedimenti li wieħed jista' jevita bi ftit aktar attenzjoni u għaqal;

[3] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[4] Art. 174(1)(a) tal-Kap 12
[5] Art. 789(1)(d) tal-Kap 12
[6] Verbal tas-smigħ 18.2.2015, f'paġ. 9 tal-atti
[7] *Proviso* tal-art 176(1) tal-Kap 12

Tqis li meta tressaq ir-rikors, l-atti tmexxew minn din il-Qorti u mhux minn qorti oħra li ma għandhiex is-setgħa li tqis u tistħarreġ l-għamla ta' talba li tressqet;

Tqis ukoll li dak li jgħodd għar-rikors promotur jgħodd għat-tweġiba mressqa mill-intimat li wkoll jindika li kien qiegħed iressaqha quddiem il-"Qorti tal-Familja". Wieħed jifhem li huwa għamel hekk biex ikun jista' jtenni l-eċċezzjoni, imma xorta waħda, bl-istess kejl, ressaq att quddiem "qorti li ma teżistix" u din il-Qorti, b'daqshekk u għal dak li sejjer jingħad aktar 'l isfel, mhijiex sejra tneħħi t-tweġiba tal-intimat mill-atti jew tqisha bla siwi;

Tqis, madankollu, li minkejja din l-anomalija, ma jistax jingħad li l-att ġudizzjarju mressaq mir-rikorrenti ma jiswiex. Dan qiegħed jingħad għaliex il-liġi tgħid li kull nuqqas jew ksur taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(a), (ċ) jew (d) tal-Kodiċi li jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni tal-liġi jwaqqaf milli tkun tista' tingħata l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att li jkun[8];

Tqis li, f'dan il-każ, il-liġi tagħti li att imressaq quddiem qorti jista' jissewwa jew jinbidel fiċ-ċirkostanzi maħsuba – il-bidla fit-tismija tal-qorti huwa wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi[9];

Tqis għalhekk li, għalkemm ir-rikorrenti naqset li tressaq talba f'dan is-sens, il-Qorti tista' minn rajha ssewwi att ġudizzjarju jew tordna li jsiru fih tibdiliet sakemm ma tkun għadha għaddiet għall-għoti tas-sentenza[10];

Tqis għalhekk li l-eċċezzjoni preliminari mhijiex tajba u l-Qorti sejra tiċħadha filwaqt li tordna lir-Reġistratur biex jagħmel it-tibdiliet meħtieġa biex isem din il-Qorti jintwera sewwa kemm fir-Rikors u kif ukoll fit-Tweġiba mressqa mill-intimat;

Tqis li dwar **it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-intimat dwar jekk il-proċedura tat-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tiswiex għaliex intalbet qabel waqtha, il-Qorti ssib li lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba;

Tqis li l-intimat jistrieħ fuq kliem l-artikolu 876(2) tal-Kap 12 u sewwasew fuq it-tifsira tiegħu tal-kliem li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' din is-sura "tista' ssir f'kull żmien wara li rikors ikun ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili". Waqt it-trattazzjoni tiegħu ta' din l-eċċezzjoni, l-għaref difensur

[8] *Proviso* tal-art. 789(1) tal-Kap 12
[9] Ara art. 175(1) u (2) tal-Kap 12
[10] Art. 175(3) tal-Kap 12

tal-intimat seħaq li kliem il-liġi ma għandux jitfisser b'analoġija jew b'tiġbid u ladarba hemm qbil li sallum ir-rikorrenti għadha ma ressqet l-ebda rikors quddiem din il-Qorti għall-proċediment dwar il-firda personali, allura t-talba tagħha għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan ma tistax titqies waħda f'waqtha u anqas u anqas valida. Iżid jgħid ukoll li dak li liġi ewlenija ma tħallix li jsir, ma jistax jitħalla jsir minn liġi sussidjarja għaliha;

Tqis li, fl-ewwel lok, wieħed għandu jara dispożizzjoni ta' liġi fil-qafas ta' dispożizzjonijiet oħra u mhux f'iżolament jew f'antinomija ma' dispożizzjonijiet oħra. Il-kliem li fuqhom l-intimat isejjes din l-eċċezzjoni preliminari tiegħu jinsabu f'sub-artikolu li, jirreferi għas-sub-artikolu ta' qablu fl-istess Kodiċi. Issa s-sub-artikolu (1) tal-artikolu 876 jgħid bla ekwivoku li talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ta' din l-għamla jista' jintalab minn xi "parti fiż-żwieġ (li) tkun għamlet jew tkun se tagħmel quddiem il-Qorti Ċivili kawża għal separazzjoni personali". Dan il-kliem juri ċar li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat tista' ssir ukoll jekk ma jkunx għadu tressaq rikors f'kawża għall-firda personali;

Tqis, fit-tieni lok, li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 876(2) lanqas huma f'konflitt ma' dawk tas-sub-artikolu ta' qabilhom, għaliex il-jedd għal talba għall-ħruġ tal-Mandat hemm imfisser huwa fakoltattiv għal kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, imqar jekk ma kenitx il-parti li ressqet ir-rikors għall-ftuħ tal-kawża tal-firda personali. Dan ikompli juri, fil-fehma tal-Qorti, id-dgħufija tal-argument tal-intimat f'dan ir-rigward. Minbarra f'dan, dawk id-dispożizzjonijiet jagħtu lil kull parti f'kawża għal firda personali l-jedd li titlob il-ħruġ tal-Mandat imqar il-kawża tkun diġa' nbdiet u sakemm ma tkunx għadha ngħatat is-sentenza tal-aħħar;

Tqis, fit-tielet lok, li l-liġi sussidjarja li nħarġet sewwasew biex tirregola l-proċediment quddiem din il-Qorti titkellem ċar ukoll li tgħid li "matul il-medjazzjoni kull waħda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti għall-ħruġ ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jew tagħha"[11]. Ladarba l-proċedura tal-medjazzjoni ssir u titmexxa qabel ma l-parti tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni biex tiftaħ kawża għall-firda personali, u ladarba ntwera li l-partijiet f'dawn l-atti għaddejjin minn proċedura ta' medjazzjoni, ma jista' jingħad bl-ebda mod li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub saret qabel waqtha;

Tqis għalhekk li lanqas it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat ma hija tajba;

[11] Reg 9(6) tal-A.L. 397 tal-2003

Tqis li, **dwar il-mertu** tat-talba għall-ħruġ tal-Mandat, intwera li bejn il-partijiet hemm ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Intwera wkoll li bħalissa ż-żwieġ tal-partijiet għaddej minn taqbid tant li r-rikorrenti ressqet il-proċediment meħtieġ għall-medjazzjoni. Intwera wkoll li l-ishma fiż-żewġ kumpanniji msemmija fir-rikors inkisbu mill-intimat matul iż-żwieġ;

Tqis li l-intimat ma ċaħad l-ebda wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li, kif diġa' ngħad, huma meqjusa mil-liġi bħala l-elementi li parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan imissha turi biex it-talba tagħha tista' tintlaqa';

Tqis li wieħed m'għandux jinsa li t-talba tal-Mandat tal-lum hija waħda li hija maħsuba li tikkonserva bla mittiefes u fl-istat attwali l-ġid tal-komunjoni li għalih il-Mandat jista' jirreferi. Min-naħa l-oħra, minħabba li l-Mandat jitkellem dwar ħwejjeġ speċifiċi u mhux b'mod ġeneriku, l-intimat ma jistax jilminta li kull ġid huwa milqut u li huwa ma jistax idur għal ġid ieħor tal-komunjoni biex jissoddisfa l-ħtiġijiet tiegħu u biex jinqeda bi ħwejġu. Għalhekk il-ħsara li lmenta minnha li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba ta' martu r-rikorrenti ma fissirx x'jista' jkun;

Tqis għalhekk li ntwera tajjeb biżżejjed li dawn l-elementi mitluba mil-liġi jirriżultaw ukoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tordna**, għall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li isem din il-Qorti, kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fit-tweġiba tal-intimat jintwera kif imissu;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimat dwar is-siwi tal-att imressaq mir-rikorrenti, għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat** ladarba jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, bl-**ispejjeż** kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------